



Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8512/21

CDR 48

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni
- Adozzjoni

1. Permezz ta' ittri tal-10 ta' Marzu 2020 u s-26 ta' Novembru 2020, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-telf tal-mandat tas-Sa Simonetta SALIERA, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, u bir-riżenza tas-Sur Alessandro PIANA, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinhātru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istat Membru rispettiv.

¹ 6820/20 u 6540/21.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Saliera, il-Gvern Taljan ippropona² lis-Sa Loredana CAPONE, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Puglia*), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025.
4. Għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Piana, il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Gianmarco MEDUSEI, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Liguria*), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 8295/21 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

² 8158/21.